# Kuntatt

## ...ma' l-iskola t'ibnek

Marzu 2007

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

Jannar u Frar huma xahrejn fejn l-iskejjel jiddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom għall-eżamijiet. L-iskola tagħna mhix eċċezzjoni. Barra li nippreparaw b'mod differenti għal dawk l-istudenti li qegħdin isegwu l-programm tal-*Junior Lyceum* u għal dawk li jsegwu l-programm tas-Sekondarja, nippreparaw ukoll għal dawk l-istudenti li fis-suġġetti bażiċi jsegwu l-*Alternative Learning Programme* u għal dawk l-istudenti li jsegwu l-*Foundation Programme.* Dan ifisser li f'ċerti suġġetti nippreparaw erba' livelli ta' karti ta' l-eżami - livelli A, B, Ċ u D - bil-livell A jkun l-ogħla u livell D l-inqas.

Filwaqt li l-istudenti kollha tal-*Junior Lyceum* jagħmlu livell A, l-istudenti tas-Sekondarja jagħmlu livelli A, B, Ċ jew D skond f'liema livell jinsabu. Student tas-Sekondarja jista' jagħmel livell A fil-Matematika, livell B fil-Malti u livell Ċ fl-Ingliż. Ħafna ġenituri xtaqu jkunu jafu liema minn dawn l-erba' livelli jwasslu għall-eżamijiet tas-SEC. Livelli A u B jwasslu lill-istudenti b'mod sħiħ. Livell Ċ huwa livell li għalkemm ma jeskludix lill-istudenti milli jersqu għall-eżami tas-SEC ma joffrix l-istess opportunitajiet ta' suċċess li joffru livelli A u B. L-għan ta' livell D huwa l-kisba tal-ħiliet bażiċi u għalhekk ma jwassalx għall-eżami tas-SEC.

Din id-differenza fil-livelli għandha l-iskop li noffru lil kull student opportunita` li jipprepara ruħu għall-futur skond il-pass tiegħu. Filwaqt li nemmnu li kull student għandu l-potenzjal li jirnexxi nemmnu wkoll li mhux kulħadd jista' jirnexxi bl-istess mod.

*J. Micallef*

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal

## It-tiġrija sal-barkun!

Diġà għaddiet nofs is-sena skolastika! Ix-xogħol tagħna se nkompluh, anzi se nkattruh, biex sa l-aħħar tas-sena nkunu lħaqna l-miri kollha tagħna.

Jekk aħna kuntenti bix-xogħol ta' l-iskola, inti, għażiż ġenitur, kuntent bil-progress tat-tifel tiegħek? Kif mar f'dawn l-eżamijiet? Jekk ma marx daqstant tajjeb, x'taħseb li kienet il-problema ewlenija tiegħu? Kif qiegħed jgħaddih il-ħin tiegħu wara l-iskola? Jistudja jew jiċċettja bil-kompjuter? Qiegħed jaqra kuljum, jew jintefa' jara t-televixin biss? Qiegħed jagħmlu kollu x-xogħol tad-dar jew qiegħed iħalli nofsu barra biex imur idur bir-rota?

Kemm jekk mar tajjeb, kif ukoll jekk mar ħażin, kun af li għad fadal nofs sena skolastika u r-riżultati li ġab mhumiex garanzija li fl-eżamijiet ta' l-aħħar se jerġa' jġib l-istess. L-importanti huwa li inti tħeġġeġ lit-tifel tiegħek biex ikompli jaġġorna l-istudju tiegħu, iġib ruħu tajjeb fil-klassi, jistaqsi fejn ma jifhimx, jagħmel ix-xogħol tad-dar bil-galbu u jirrevedi l-lezzjonijiet tas-suġġetti kollha tiegħu. Għad fadal x'jaqdef u t-tiġrija għada ma spiċċatx hawn! Imma jekk trid li t-tifel tiegħek joħroġ rebbieħ fl-aħħar tat-tiġrija, jeħtieġ li jibqa' jaħdem sa l-aħħar, kemm fl-iskola, kif ukoll id-dar.

**Bord Editorjali**: *D. Agius Muscat, P. Callus, G. Micallef, M. Zahra Sacco*
**Disinn**: *R. Mamo, D. Parnis*

## Il-Merit Cards: Nippremjaw lil min jagħmel l-almu tiegħu fix-xogħol ta' l-iskola

Ix-xahar li għadda l-iskola tagħna nediet sistema ġdida ta' kif tippremja l-istudenti li qed juru progress fix-xogħol li qed jagħmlu fl-iskola. Kull xahar, kull għalliem jagħżel student mill-klassi li jgħallem u jikteb ismu fuq ċertifikat, imsejjaħ il-*Merit Card*. Permezz tiegħu l-iskola tippremja lil dawk l-istudenti li qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jimxu 'l quddiem, kemm fir-riżultati li jiksbu mix-xogħol li jagħmlu fl-iskola, kif ukoll fl-attenzjoni waqt il-lezzjoni. Iċ-ċertifikat jingħata waqt l-*assembly* mill-Kap jew l-Assistent Kap, ta' l-iskola.

## *L-ewwel Turnew ta' l-Akkademja taċ-Ċess*

Ġlieda fuq kaxex bojod u suwed… Nhar is-Sibt, is-17 ta' Frar, 24 student mill-Iskola Sekondarja tas-Subien ta' San Benedittu flimkien ma' żewġt ibniet mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Ħal Tarxien, li issa saret parti wkoll mill-Kulleġġ tagħna, ħadu sehem fl-ewwel turnew organizzat mill-Akkademja taċ-Ċess. Il-parteċipanti ħadu sehem f'ħames *rounds* li damu jintlagħbu tliet sigħat u nofs.

Fl-ewwel post, b'ħames rebħiet minn ħames logħbiet, kellna lil Max Schröder mill-iskola tagħna. Fit-tieni u t-tielet post ġew Marlon Bondin u Marlon Calleja rispettivament. Fir-raba' post ġie kklassifikat Gary D'Amato. L-istudenta Luana Gatt ġiet ippremjata bit-trofew għall-aħjar plejer femminili.

Wara s-suċċess ta' l-ewwel turnew, l-Akkademja taċ-Ċess qed tħeġġeġ lill-istudenti kollha biex ikomplu jitħarrġu f'din il-logħba bi preparazzjoni għal aktar avvenimenti fix-xhur li ġejjin.

*M. Montebello*

## *Il-Laqgħa tal-Proġett Comenius 1 fl-iskola tagħna*

X'hemm x'jgħaqqad flimkien lil Malta, gżira ċkejkna fil-Mediterran, lil-Latvja, pajjiż eks-Sovjetiku fin-naħa ta' fuq ta' l-Ewropa u lit-Turkija, sub-kontinent bejn l-Ewropa u l-Asja? Żgur li mhix il-lingwa tagħna u lanqas l-oriġini tar-razez tagħna. Aħna rnexxielna nitkellmu, nippjanaw u naħdmu flimkien permezz tal-*lingwa ta' l-ekoloġija*. Din hija dik il-lingwa li titkellem fuq l-imħabba lejn in-natura u r-riżorsi kollha tagħha. F'din il-lingwa, l-importanza ta' l-ilma hija kbira. Kollha naqblu li l-ilma huwa s-sors tal-ħajja tagħna.

Fi ftit kliem, dan huwa l-qofol tal-proġett *Let's Adopt An Ecosystem* li l-iskola tagħna qed tipparteċipa fih permezz tal-fondi Ewropej fi ħdan *Socrates, Comenius 1*. Matul il-ġimgħa ta' bejn it-Tnejn is-26 ta' Frar u l-Ħadd l-4 ta' Marzu, id-delegazjonijiet mit-tliet pajjiżi ltaqgħu f'Malta fejn flimkiem bdew jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni tagħhom. Saru żjarat f'żoni ta' riservi ta' l-ilma f'pajjiżna u ġew meħuda l-ewwel kampjuni għall-investigazzjoni. Dan il-proġett se jitkompla fil-Latvja, fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju fejn se tiġi diskussa s-sistema ekoloġika ta' dan il-pajjiż.

Il-Kumitat tal-*Comenius*

# *Kalendarju*

**Marzu 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mar | 1-30 | Esibizzjoni dwar l-għażla tas-suġġetti |
| | 5-8 | Seminar dwar il-karrieri għall-istudenti tar-4 sena |
| | 6 | Jum il-Ġenituri |
| | 12-16 | Seminar ta' ġimgħa dwar il-*Home Economics* |
| | 15 | Laqgħa ta' l-SDP wara l-ħin ta' l-iskola (għall-għalliema) |
| | 16 | Seminar – Kemm naf lili nnifsi (għall-istudenti) *Personal Awareness* (Ikel tajjeb għas-saħħa / Ambjent / Ippjanar Finanzjarju) |
| | 16 | Laqgħa għall-Ġenituri – *Shape Up* |
| | 19 | Vaganza pubblika |
| | 20-30 | Eżerċizzji tar-Randan |
| | 22 | Żjara lill-F.A.M. |
| | 23 | Laqgħa għall-ġenituri – studenti tat-2 sena – *Junior Lyceum* |
| | 26 | Żjara mill-kittieb Trevor Żahra |
| | 27-28 | Laqgħa għall-ġenituri – studenti tat-2 sena – Sekondarja |
| | 29 | Żjara mill-kittieb Charles Casha |
| | 30 | Quddiesa għal Jum id-Duluri |
| | 31 | Vaganza Nazzjonali |

**April 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Apr | 4-11 | Vaganzi ta' l-Għid il-Kbir |
| | 16-24 | Edukazzjoni fuq l-Iġjene Dentali |
| | 20 | Jum il-Jeans – Organizzat mill-Kunsill ta' l-Istudenti |
| | 25 | Jum il-Premjazzjoni |

# *2006 - 2007*

**Mejju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mejju | 1 | Vaganza pubblika |
| | 2 | Laqgħa għall-ġenituri ta’ l-istudenti tar-4 sena |
| | 3 | *Sports Fest* |
| | 7-11 | Eżamijiet tad-dħul għall-*Junior Lyceum* |
| | 15 | Laqgħa għall-istudenti tal-Kulleġġ fuq il-Proġett *Shape Up*. |
| | 16 | Seminar għall-istudenti tar-4 sena |
| | 23 | Laqgħa ta’ l-SDP wara l-ħin ta’ l-iskola (għall-għalliema) |
| | 28 | Seminar ta’ ġurnata – Għeluq ta’ l-SDP (għall-għalliema). L-iskola tispiċċa fin-12.30pm. |
| | 30 | Laqgħa għall-ġenituri ta’ l-istudenti ta’ l-1 sena fuq l-abbuż tad-droga. |

**Ġunju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Ġunju | 1 | Bidu tan-nofs ta’ nhari |
| | 7 | Vaganza Nazzjonali |
| | 13-15 | Eżamijiet annwali orali |
| | 18-28 | Eżamijiet annwali tal-kitba |
| | 29 | Vaganza pubblika |

**Lulju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Lul | 9-11 | INSET (għall-għalliema) |
| | 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

*Dan il-kalendarju jkollu aġġornamenti f’kull ħarġa*

# *Imsieken! Nitħassarhom jien*

Il-familja Gatt kienet familja bħal ħafna oħrajn. Il-missier, l-omm u t-tliet ulied, ta' eta` bejn ħdax u sittax-il sena, kienu jgħixu ħajja mgħaġġla għall-aħħar imma fi tmiem il-ġimgħa, kienu jinġabru kollha fis-salott sabiex jaraw ftit televiżjoni flimkien ... U lejla fost l-oħrajn, waqt li l-missier kien iqalleb minn stazzjon għal ieħor, inzerta li fuq stazzjon partikolari kienet għaddejja maratona ta' ġbir ta' fondi għal komunita` li kienet tilqa' fiha nies b'diżabilta`....

- *U dawwar minn hemm pa* - qabeż jgħid James, it-tifel il-kbir - *Se noqogħdu naraw skoss dwejjaq?*

Dak il-ħin fuq it-televiżjoni deher filmat qasir dwar Kate, tfajla b'diżabilta`, li kienet kostretta tgħix fuq siġġu tar-roti. Dehru l-ġenituri tagħha. Il-biża' tagħhom kien x'kien se jiġri minn binthom, ladarba jiġu neqsin huma. Kien għalhekk li ddeċidew li jibdew jieħdu lil binthom fil-komunita` li għaliha kienet qed issir il-ġabra.

- *Imsieken dawn in-nies ukoll!* - qalet Susan, it-tifla tan-nofs.
- *Minn xiex ikollhom jgħaddu! Nitħassarhom jien!* - qabżet l-omm.
- *Ejja nċemplu pa, u nagħtuhom xi ħaġa tal-flus* – issuġġerixxa John, iż-żgħir.
- *Idea tajba* - ħatfu fil-kelma James - *nagħtuhom xi ħaġa u nqallbulu minn hemm!*

Hekk ġara. L-omm ċemplet, tat donazzjoni u l-familja Gatt intefgħet tara programm ieħor.

Nistaqsu lilna nfusna: hemm xi xebh bejn ir-reazzjoni tagħna u r-reazzjoni tal-familja Gatt meta niġu quddiem sitwazzjonijiet ta' persuni b'diżabilta`? Inħossuna mdejqin meta narawhom? Nitħassruhom? Inħossu għafsa ta' qalb? Ngħidu msieken u nagħtu donazzjoni f'każ ta' bżonn?

Jekk niltaqgħu ma' xi persuna b'diżabilta`, nittrattawha b'mod differenti minn persuni oħra? Nitfixklu u ma nkunux nafu x'se naqbdu ngħidu jew nagħmlu? Jew indawru wiċċna u ma nirrealizzawx li f'farka ta' sekonda anke aħna nistgħu niġu wiċċ imb'wiċċ ma' xi forma ta' diżabilta` f'ħajjitna?
Xi rwol għandu jkollha l-edukazzjoni sabiex tgħinna nifhmu u nintegraw ruħna aħjar fid-dinja tad-diżabilta`?

(*Tkompli fil-ħarġa li jmiss*)

*R. Muscat*
*Assistent Kap*

# *Differenza f'saħħet uliedek*

Li tipprepara ikel varjat, sustanzjuż u mimli nutrijenti li jolqot il-gosti ta' wliedek u tal-familja tiegħek mhijiex faċli, vera? Tant hu hekk li spiss tisma' minn jargumenta u jikkumbatti ma' wliedu rigward il-kwalita` ta' ikel li **huma** jagħżlu li jieklu. Imbagħad fuq ix-xandir spiss nisimgħu kummenti bħal: ***Jeħtieġ nibdew inrawmu lil uliedna jagħżlu ikel bilanċjat sabiex nevitaw problemi ta' saħħa bħal piż żejjed, obesita`, mard tal-qalb, u elf ħaġa oħra.*** Jeħduha daqs li kieku xi ħaġa faċli, kemm tfaqqa' subgħajk u tagħmilha!

Persważi li ħafna minnkom konxji rigward dan u lesti li tagħmlu kull ma hu possibbli għall-ġid tagħkom u ta' saħħet uliedkom. Biss jibqgħu ċerti mistoqsijiet bħal: minn fejn ser nibda biex nagħmel differenza? Kif ser inwettaq fil-prattika dak li nisma', speċjalment fil-ħajja mgħaġġla tal-lum, mimlija impenji u limitazzjonijiet?

Għal dan il-għan, il-kumitat *Shape-Up* fi ħdan l-iskola ser jorganizza laqgħa importanti u utili ħafna għalikom il-ġenituri **nhar il-Ġimgħa 16 ta' Maru, 2007 fid-9:00 ta' filgħodu.** Bħala mistiedna speċjali, is-sinjura Maria Ellul (Nutrizzjonista fid-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa) se taqsam magħkom l-esperjenzi tagħha f'dan ir-rigward u tgħaddilkom pariri siewja dwar il-ħsibijiet kollha imsemmija hawn fuq.

Fit-tieni parti tal-programm, grupp ta' għalliema mill-iskola ser jiddedikaw il-ħin tagħhom sabiex japplikaw fil-prattika dak li tkun qasmet magħkom Maria Ellul. Hawnhekk, intom il-ġenituri ser ikollkom l-opportunita` sabiex tassistu għal varjeta` ta' ikel bnin u ta' saħħa li ser jiġi ppreparat u spjegat fid-dettall għall-benefiċċju tagħkom. B'hekk nolqtu ħafna mid-diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Ċertament li tixtiequ l-aħjar possibbli għal saħħet uliedkom u l-familja tagħkom, għalhekk narawkom!

*G. Micallef & R. Zammit*

# Għandna bżonn l-għajnuna tiegħek!

Jum il-premjazzjoni jinsab wara l-bieb. Qed naħdmu ħafna biex l-istudenti li se jirċievu premju jibqgħu jiftakru dal-jum għal għomorhom. Imma għandna bżonn l-għajnuna tiegħek, speċjalment jekk taf tħit kostumi jew tista' tgħin bi transport għal ġarr ta' props. Mela, jekk tista' tgħinna, toqgħodx lura u kellem lis-Sur K. Scicluna jew lis-Sur G. Micallef, assistent kap, ħalli jgħidulek kif tista' taqdina. Ftakar li dan kollu qed nagħmluh għall-aħjar tat-tifel tiegħek. Grazzi minn issa!

# Kunsill Skolastiku

Bi pjaċir inħabbru li l-ewwel Kunsill Skolastiku huwa kważi ffurmat. Dan mistenni li jkollu l-ewwel laqgħa tiegħu lejn l-aħħar ta' Marzu ftit wara li jinħatar il-President. Ir-rappreżentanti ta' l-għalliema huma s-Sinjuri C. Baldacchino, J. Mifsud u R. Spiteri. Dawk tal-ġenituri huma s-Sinjuri C. Muscat, G. Salerno u M. Zahra.

Aktar dettalji dwar il-kunsill u l-pjan ta' ħidma jingħataw fil-ħarġa li jmiss.



Trid tkun taf aktar fuq l-iskola tat-tifel tiegħek?
Mela żur il-websajt tagħna
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

Biex tirċievi l-aħħar tagħrif fuq l-iskola bl-email ibgħat
l-indirizz elettroniku tiegħek fuq
kulleggsanbenedittubco@onvol.net